MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Appell Kriminali Numru. 287/2006

**Il-Pulizija**

**Vs**

Sharlon Cuschieri

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-16 ta' Gunju, 2006, ghall-habta tas-19.20 hrs, fi Triq iz-Zenqa, Naxxar :**

**1) kisret il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat, glied u/jew mod iehor;**

**2) insulentat jew ingurjat lil WPC 176 S. Fabri, persuna nkarigata skond il-ligi min servizz pubbliku waqt li kienet taghmel jew minhabba li kienet taghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzaghha jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;**

**3) irrifjutat li taghti jew tat falz il-partikolarijiet taghha lil WPC 176 S. Fabri, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietha;**
**4) fl-istess data, hin u cirkostanzi saqet vettura nru. EBF 213 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda);**
**5) saqet l-istess vettura nru. EBF 213 minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Settembru, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 15 (1)(a)(3) Kap 65, 3(1) Kap. 104, 95(1), 338(g)(dd)(ee) Kap. 9, 14(1) AL 476/2004, sabet lill-appellanti hatja tal-akkuzi kollha w ikkundannatha ghall-hlas t'ammenda ta' LM10 fuq l-ewwel, it-tieni w it-tielet akkuza, ammenda ta' LM30 fuq ir-raba' akkuza w multa ta' LM1,100 fuq il-hames akkuza.
Il-Qorti ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fis-6 ta' Settembru, 2006, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn instabet htija tal-ewwel erba akkuzi w thassaraha w tirrevoka kwantu ghal hames akkuza w tillibera lill-appellanti minn l-istess hames akkuza.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat li l-aggravji tal-appellanti jirrigwardaw biss il-hames imputazzjoni w illi mhux minnu li l-appellanti ma' kienitx koperta b'polza tas-sigurta' kontra r-riskji ta' terzi ghaliex hija assigurata mas-socjeta' Gasan Mamo Insurance Ltd. b'polza li tkopri l-perjodu ta' bejn it-2 ta' Gunju, 2006 u t-31 ta' Mejju, 2007.

Rat id-dokument esebit minn Dr. Gatt difensur tal-appellanti, waqt l-udjenza li juri li l-vettura kienet fil-fatt koperta b'polza t'assigurazzjoni kif intqal fir-rikors tal-appell.

Rat l-ordni taghha biex, in vista tad-dokument muri lill-Qorti waqt it-trattazzjoni, jixhed rapprezentant tas-socjeta' Gasan Mamo Insurance Ltd biex jiddikjara jekk il-kopertura tal-assigurazzjoni tkoprix lil terzi persuni una volta li l-licenzja tal-karozza ma gietx imgeddha.

Semghet ix-xhieda tal-Avukat Dr. Louis Bianchi LL.D. li xehed in rapprezentanza tal-istess socjeta' u li qal li f'kaz bhal dan l-assigurazzjoni xorta wahda tkopri r-riskji ta' terzi anki jekk wara li tkun thallas il-"premium", il-licenzja tal-karozza tibqa ma' tithallasx.

Ikkonsidrat,

Illi mill-"cover note" esebita mill-appellanti waqt l-udjenza tal-lum jirrizulta li l-karozza Rover 214 convertible bin-numru ta' registrazzjoni EBF-213 kienet koperta b' "certificate of insurance" ma' Gasan Mamo Insurance Ltd ghall-perjodu mit-2 ta' Gunju, 2006 u li kien jiskadi fil-31 ta' Mejju, 2007 u li allura meta gara l-incident fis-16 ta' Gunju, 2006, kien hemm polza vigenti.

Illi mix-xhieda ta' Dr. Louis Bianchi LL.D jirrizulta li l-insurance minnu rapprezentata kienet tkopri lill-karozza tul il-perjodu tal-assigurazzjoni anki jekk ma tithallasx il-licenzja relattiva tal-istess vettura. Ghalhekk din il-Qorti tara li in vista ta' din id-dikjarazzjoni kif ukoll tad-dokument esebit, il-hames imputazzjoni ma' tirrizultax pruvata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellanti hatja tal-ewwel erba' imputazzjonijiet u fejn giet ikkundannata ghall-ammenda ta' LM10 fuq kull wahda mill-ewwel tlett imputazzjonijiet u ghall-ammmenda ta' LM30 fuq ir-raba' imputazzjoni, u tirrevokaha in kwantu sabet lill-appelanti hatja tal-hames imputazzjoni w ikkundannata ghall-multa ta' LM1100 u in kwantu ordnat

is-sospensjoni tal-licenzji taghha tas-sewqan ghall-perijodu ta’ sitt xhur u minflok issibha mhux hatja tal-istess hames imputazzjoni u mill-piena relattiva w minnha tilliberaha w minflok tordna li l-perjodu tal-iskwalifika mill-licenzji tas-sewqan attinenti ghar-raba’ imputazzjoni ghandu jkun wiehed ta’ xahar li jibda jiddekorri minn nofs il-lejl tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------